# JAGHMEL BOSTA MIRAKLI

Li kieku kellhom jinkitbu l-mirakli kollha li saru bl-intercessjoni ta' Padre Pio, kien ikun jehtieg bosta volumi. Hawn ser insemmu biss xi ftit li huma l-aktar sbieh u kommoventi.



1. Is-sindku ta' Arenzano, Dott. Cesare Festa, kien bniedem membru f'socjeta sigrieta antiklerikali. Kuginuh Dott. Giorgio Festa, ipprova kemm-il darba jikkonvertih, imma ghalxejn. Darba waqt argument il-kliem waqa' fuq Padre Pio. Fi tmiem l-argument Dott Cesare Festa wera' interess li jiltaqa' ma' dan Padre Pio li l-hidma tieghu kienet hekk maghrufa. Iddecieda li jmur San Giovani Rotondo. Meta dahal il-kunvent sab ruhu f'nofs gemgha sacerdoti lesti biex ikunu ntrodotti lill-Padre Pio. Padre Pio mar jigri jilqa' l-grupp u qalilhom: "Sinjuri, dan ir-ragel huwa membru ta' setta li tippersegwita l-knisja." Festa thawwad u haseb: " Kif jista' jkun li huwa jaf ismi meta ma kellix cans nintroduci lili nnifsi u nghidlu ismi?" Minghajr ma tah cans jigi f'tieghu, Padre Pio qabadlu idu u hadu fil-gemb u kellmu fuq il-hniena nfinita ta' Alla. U rrakontalu l-parabbola ta' l-iben il-hali. Meta wasal fil-parti fejn l-iben prodigu jghid, "Inqum u mmur ghand missieri," Dott. Festa beda' jikbi filwaqt li Padre Pio serrah idu bil-pjagi fuq rasu. Dott. Festa, ikkonverta, qerr u tqarben u ddecieda li pubblikament jirrinunzja s-

shubija tieghu fis-socjeta sigrieta. Izda Padre Pio qallu biex jistenna ftit iehor ghaliex il-Mulej kellu jurih kif kellu jaghmel ir-rizenja tieghu. Cesare irritorna lura u wara mar Ruma fejn iltaqa' ma' kuginuh Giorgio. Waqt li kienu jitkellmu Cesare hall il-buttini tal-qmis u wrieh skapular kannella frangisk. Fi ftit kliem dak li kien ghadu ufficjalment antiklerikali sar membru tat-Terz'Ordni Frangiskana. Wara mar Lourdes minn fejn kiteb ittra fuq l-impressjonijiet tieghu fuq dan il-post tas-sema. Meta wasal Montiglio l-paci spiccatlu. Il-gazzetta Avanti, gazzetta ateista, xandritu li mar Lourdes u nsultatu u talbet li jkun kastigat severament. Irritorna malajr Genova. Jum wiehed, wara nofsinhar, fil-mument meta kellu jhalli daru biex jattendi laqgha tas-socjeta' sigrieta, li ghaliha ma kienx imsejjah, il-pustier tah ittra...minn Padre Pio. Fetahha u kien fiha sentenza. "*Wasal iz-zmien li tibda' il-glieda bil-miftuh.*" Dott Cesare Festa pprezenta ir-rizenja tieghu lil kap tas-Socjeta' sigrieta.



2. L-ewwel miraklu li kien identiifikat li ghamel Padre Pio sehh fis-sena 1908. F'dan iz-zmien huwa kien jghix fil-kunvent ta' Montefusco. Jum wiehed huwa gabar il-qastan minn xi sigar li kienu jikbru fil-foresta vicin u qieghedhom go xkora zghira u baghatha lil zitu Daria li kienet toqghod gewwa Pietrelcina. Din dejjem kellha

affezzjoni specjali lejh. Il-mara refghet il-borsa bhala tifkira wara li kielet il-qastan. Xi granet wara marret tfittex xi haga fil-kexxun fejn zewgha kien izomm il-polvri. Kien fil-ghaxija u hadet maghha x-xema biex idawwal il-kamra meta f'daqqa wahda il-kexxun ha n-nar u wicc zitu sofra hruq. Ftit wara hadet il-borza ta' Padre Pio u poggietha fuq wiccha. Immedjatament l-ugigh gheb u ebda marka ta' hruq jew ferita ma baqa' fuq wiccha.

3. Matul it-tieni gwerra dinjija, il-hobz gewwa l-Italja kien razzjonat. Il-monasteru ta' Padre Pio kien dejjem bil-mistednin jew bil-fqar jitolbu l-ikel. Jum wiehed il-patrijiet marru gewwa r-refetorju u rrealizzaw li l-basket tal-hobz kellu madwar zewg libbri hobz biss. Talbu u qaghdu bil-qieghda biex jibdew jieklu. Padre Pio mar fil-knisja u ftit wara gie lura fir-refetorju jzomm l-hobz. Is-superjur staqsa lil Padre Pio: "Min fejn gibt dak il-hobz kollu?" Padre Pio wiegeb: " Pellegrin li kien fil-bieb tahomli." Hadd ma ghadda kumment, imma kulhadd haseb li Padre Pio biss seta' jiltaqa' ma' dan il-Pellegrin.



4. Fil-lukanda gewwa San Giovanni Rotondo, fejn kienet



qed toqghod, il-gurnalista Fernanda Bianco kienet xhud ta' dan li gej: Mara zaghzugha , giet minn Franza bin-neputija taghha ta' 15 il-xahar, kreatura tassew povra ghax ma kienitx xejn hlief persuna mejta hajja. Din it-tarbija twieldet b'marda terribli u nkurabbli li haditha minghand ommha waqt li t-tarbija kienet fil-guf. It-tifla ckejkna qatt ma fethet ghajnejha, qatt ma zammet xi haga f'idha billi is-swaba taghha kienu mghawgin. Zijitha hasbet biex taghmel zjara lill-Padre Pio li kien maghruf hafna gewwa Franza. Kellha tkun rikoverta fl-isptar, Casa Sollievo della Sofferenza, mal-wasla taghha gewwa San Giovanni Rotondo billi t-tarbija mardet ukoll bil-pneumonia. It-tobba qatghu qalbhom u qalulha li x-xjenza ma tistax toffri fejqan lit-tifla. Il-kundanna kienet li t-tarbija kellha tmut u tawha parir biex tiehu lura t-tarbija fil-lukanda. Il-gurnalista rat lill-mara tirritorna lura bit-tarbija fil-kamra u poggietha fuq sodda. Madwarha mlietu b'xi stampi ta' Padre Pio u medalji u talbet b'herqa kbira. Qieghdet ix-xbihat ta' Padre Pio fuq it-tifla. "Kont vera mqanqla b'din ix-xena," stqarret il-gurnalista, "hekk li jiena tlabt maghha wkoll. L-inqas li stajt naghmel. Ghidt lili nnifsi, " Padre Pio ara liema dulur ghaddejja minnu din il-mara u x'fidi ghandha." U l-miraklu sehh. Ghebet il-pneumonia

u nizlilha d-deni, u wara svilupp ta' l-ghageb, "it-tifla fethet ghajnejha ghal l-ewwel darba minn mindu twieldet u hassejt idha tafasli subghajja. Zijitha ntilfet f'dellirju kbir bil-ferh, ghafset lit-tarbija maghha u rringrazzjat lill-Alla u lill-Padre Pio.

5. Fis-sajf tas-sena 1947, il-media taljana rrapurtat din il-grajja: Fil-belt ta' Ribera ( Agrigento) kien hemm tifla li mhux biss kienet ghamja mit-twelid, izda ma kellhiex il-pupilli ta' ghajnejha. Isimha kien Gemma di Giorgi. Nannitha haditha ghand Padre Pio biex minnha jkollu hniena u jaghmel miraklu. Missilha ghajnejha u talab ghaliha u qal lil nannitha, "Jiena zgur li din it-tifla ghad tara." U tassew hekk gara ghaliex ftit jiem wara li ghamlet l-ewwel tqarbina, it-tifla bdiet tara perfettament, minkejja li ma kellhiex il-pupilli.



6. Gewwa San Giovanni Rotondo kien hemm mara nobbli Signora Paulina Preziozi li Padre Pio kien jafha mill-konfessjonarju b'mara tajba ghal ahhar. Fi tmiem ir-Randan, Paulina mardet serjament u t-tobba hasbu li ser tmut. Zewgha u l-hamest uliedha marru jfittxu lill-



Padre Pio biex jitolbuh l-ghajnuna. Kien inkwetat ghal ahhar pero' weghdhom li ser jitlob ghaliha. "Tfieq," qalilhom. Imma fil-jum tal-Gimgha l-Kbira Paulina mietet. Filwaqt li xi whud hadu l-libsa tat-tieg biex biha jkeffnuha, kif kienet it-tradizzjoni, ohrajn marru jitolbu lill-Padre Pio ghall-miraklu. "Hija tqum," qalilhom u mar biex iqaddes. Meta intona l-Glorja u l-qniepen bdew idoqqu biex ifakkru fil-Qawmien tal-Mulej Gesu', huwa ghajjat ghajta kbira u ghajnejh intlew bid-dmugh. F'dak il-mument Paulina hadet il-hajja u qamet minghajr ghajnuna ta' hadd, nizlet gharkubtejha u talbet il-Kredu tlett darbiet. Meta tal-familja saqsewha x'kienet taghmel waqt li kienet mejta, hija wiegbet:" Jiena tlajt 'l fuq u 'l fuq lejn dawl kbir u f'daqqa wahda rritornajt lura hawn fid-dinja."

7. Waqt battalja fl-Afrika ta' fuq matul it-tieni gwerra dinjija, suldat taljan inheba' wara blata mill-bidu tal-glied biex jiskansa mill-ballal, filwaqt li shabu kollha kuragg affrontaw sidirhom kontra l-ghadu b'kuragg kbir. F'daqqa wahda patri deher ma' gembu, gentilment jigbdu mill-komma b'turija biex ihalli dak il-post. Imma s-suldat ma riedx li jesponi ruhu ghall-ballal. Il-patri gibdu mill-gdid, imma r-ragel baqa' stinat fil-fehma tieghu li jibqa' hemm. Imbaghad il-patri uza l-forza u imbuttah minn dak il-post. F'dak il-mument bomba tinzel dritt fuq dik il-blata u ma baqghax farka minnha. Il-

patri gheb. Meta, aktar tard, is-suldat irrakonta din il-grajja lil wiehed suldat iehor, habibu hareg xbiha ta' Padre Pio mill-but tal-kowt tieghu u staqsieh: " Dan huwa l-patri li dehrlek?" Is-suldat baqa' mistghageb u fil-waqt li afferma wiegeb: "Kollu kemm hu, salvali hajti."

Padre Pio u l-genituri tieghi qatt ma hadu vantagg minn min riedu joffri rigali ghall-gid li l-patri kappuccin ghamel maghhom. Jum wiehed kien ghaddej minn tribulazzjoni qalila u iebsa u l-patrijiet shabu tawh il-parir biex jitlob, halli Alla jehilsu minnu. It-twegiba tieghu kienet: "Dak kollu li ridt!"

Huwa ra t-tbatija mhux bhala kastig izda prova ta' imhabba u tendenza li bis-sahha taghha n-nies jkunu jistghu jippartecipaw fil-Passjoni tas-Salvatur taghna u jaghmlu riparazzjoni ghal l-offizi kommessi kontra Alla.